Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 59 (II), miżmuma nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2018 , ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar ta' April .

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Daniel Grima | Viċi Sindku | ( 17.30) |
| • Graziella Galea | Kunsillier | (17.30) |
| • Antoinette Bezzina | Kunsillier | (17.30) |
| • Alfred Grima | Kunsillier | (17.30) |
| • Stephen Cremona | Kunsillier | (17.30) |
| • Dounia Borg | Kunsillier | (17.30) |
| • Robert Piscopo | Kunsilier | (17.50) |
| • Paul Bugeja | Kunsillier | (17.30) |
| • Rodney Galea | Kunsillier | (17.30) |

Membri Skużati:

| | |
|---|---|
| • Anne Fenech | Sindku |
| • Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| • Joseph Vella | Kunsillier |
| • Robert Piscopo | Kunsillier |

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

Il-Laqgħa nfetħet mil-Viċi Sindku Daniel Grima.

Il Viċi Sindku fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Mandy Buhagiar bgħatet imejl li ma setgħetx tattendi għax imsiefra fuq xogħol.
Il-Kunsillier Joseph Vella bagħat imejl li ma setgħax jattendi minħabba mpenji ta' xogħol.
Is-Sindku Anne Marie Fenech bagħtet imejl li ma setgħetx tattendi għax ma tiflaħx.

DRAFT

## <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>

**59.3.11** Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li ngħataw gwida li fejn ma jaqbilx Kunsillier trid issir mozzjoni jekk tkun xi ħaġa ta' mportanza, imma jekk issir attivita u jkun hemm min jaqbel u min ma jaqbilx, isseħħ ir-rieda tal-maġġoranza, mhux jittieħed vot ta' qbil jew le. Sostna li mhux fuq materja ta' tibdil ta' xi ħaġa, pero' mhux f' komunikazzjoni. Jixtieq li ssir *ruling* u ssir b'sistema tajba.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li *ruling* issir minn direttur tal Kunsilli Lokali, u li hemm deċiżjoni ta' kas. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li dan il-parir qalulu Dr Ian Micallef, li jaf il-liġi fuq ponot ta subgħajh. Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li l-Kunsill jimxi ma' *ruling* li hemm fil-preżent. Il-Kunsillier Paul Bugeja kompla billi semma l-attivita' tas-Sun Crest li daqt tgħaddi u ma jkun sar xejn fuqha.

**59.3.12** Il-Kunsill iddeċieda li l-permessi fuq makkinarji għandhom ikunu skond il-liġi tal-Gvern. Il-Kunsillier Daniel Grima qal li talab laqgħa. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-laqgħa ssir mas-Sindku u terfa r-responsabbilita hi.

### 59.3.12.1 Ex. Mc Donalds

Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li dan uża parti kbira mill-bankina u kerrah l-ambjent. Il-Kunsillier Daniel Grima ġie mistoqsi wkoll jekk hux iħallas. Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni dwar l-imejl tal-bord, fejn sostna li għandu jħallas bħal ħaddieħor, u li daqt se jagħlaq partijiet oħra u bla permess, għall-inqas hu hekk ħasibha. Il-Kunsillier Daniel Grima qal li bini ta' stekkat (*hoarding*) irid isir bilfors. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li x-xogħolijiet għandhom jieqfu. Inqrat parti mill-imejl fejn tgħid li minflok *railing,* ser isir stekkat (*hoarding)*. Il-laqgħa għandha ssir ukoll mas-Sindku. Il-Kunsillier Alfred Grima talab li mmedjatament għandu jsir xi ħaġa, *mural* pero' irid iġib il-permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar qabel. Jekk il-Kunsill ħareġ il-permess qabel il-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar, għamel ħazin.

a) Ma jkomplix qabel ma juri l-permess tal-Awtorita' tal-Ippjanar
b) L-istess kif iħallas ħaddieħor, iħallas hu
c) Issir *mural* fuq il-bini tal-istekkat *(hoarding)*

59.3.13 Trid tkun preżenti s-Sindku
59.3.14 Trid tkun preżenti s-Sindku
59.3.15 Trid tkun preżenti s-Sindku u terġa titla f' aġenda oħra
59.3.16 Trid tkun preżenti s-Sindku
59.3.17 Irid ikun hemm il-file u l-aħjar li tkun preżenti s-Sindku ( Blues Limited )

### 59.3.18 Skemi

**59.3.18.1** Ittra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali biex jintbgħatu l-iskemi tas-snin 2018-2020 tal-Attivitajiet Kulturali (Cultural Activities). Il-Kunsill wieġeb li għandhom jintbgħatu sal-ewwel ġimgħa ta' Ġunju 2018. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li l-ADSE preċedenti bagħtet *safeguard letter* minħabba li l-Kunsill ma kienx qed jiffunzjona. Din trid titla quddiem il-bord u tintbgħat.

**59.3.18.2** WIFI4EU
Laqgħa d-Dolmen u min japplika ikollu wi-fi b'xejn, il-Kunsillier Daniel Grima qal li għadna fiċ-ċans. Din ġiet approvata li ssir.

59.3.18.3 Is-SE qalet li hemm imejls li qrat diġa' rigward fondi għal strutturi u postijiet biex jibbenifikaw nies inqas ixxurtjati. Hi qalet li s-sejħa għadha ma ħarġitx, benfiċċju jingħata tajjeb u hu suġġett għall-PSC committee, hemm miżuri oħra , u li sejħa għal dawn il-proġetti ħierġa f'Lulju. Is-SE qalet li se tintbgħat ittra lid-Dipartiment u tara jekk hemmx xi skema fuq skrappjar ta' karozzi u jinxtraw ġodda minflok.

59.3.18.4 Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi.
Trid isir verifikazzjoni mal-ADSE preċedenti Elke Sghendo.

59.3.18.5 Cirkulari AKL 2018/012
Nivverifikaw mas-sit elettroniku ta' DLG.

59.3.18.6 Progett Life+
Skema biex tinxtara karozza elettriċizzata. Is-SE qalet li dan il-proġett hu magħluq. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li kien deċiż li jinxtraw il-vetturi u mhux jinkrew. Is-SE qalet li se tintbgħat ittra lid-Dipartiment u tara jekk hemmx xi skema fuq skrappjar ta' karozzi u jinxtraw ġodda minflok.

59.3.18.7 **Cir Akl 2018/048** Skema ta Taghlim

59.3.18.8 **Cir Akl 2018/049 Seminar Vjolenza Domestika:** dan is seminar skada fil-31 ta Mejju 2018.

59.3.18.9 **Cir Akl 2018/050: Taħriġ għall-Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji;** Taħriġ Tħassar

59.3.18.10 **Cir Akl 2018/055: 'Energy Management'** Dan il-kors skada fil-25 ta' Mejju 2018.

59.3.18.11 **Cir Akl 2018/055:** F'Novembru 2018 f'Għawdex u f'Mejju 2019 fi Sqallija. Formoli qedin il-Kunsill u kull min hu nteressat, ikellem lis-Sindku.

59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

59.4.1: Mistoqsija mingħand il-Kunsillier Paul Bugeja fuq użu ta' toilets li hemm fil-bini tal-Kunsill. Dan għandu jintuża mill-Pubbliku, għax il-Kunsill qiegħed biex iservi liċ-ċittadin. Issir bil-kitba mad-Day Centre tal-anzjani u d-Dipartiment.

59.4.2: Talba mingħand il-Kunsillier Robert Piscopo, dwar il-linji sofor. Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li l-korrispondenza mihiex tajba u trid tittella f'laqgħa oħra.

59.4.3: Il-Kunsillier Alfred Grima saqsa dwar is-cctv, il-kaxxa hija tas-cctv, li l-Kunsill qed iħallas kera temporanja, u jsib oġġezzjoni li kaxxa li tiswa €450 tħallas għaliha €1003. Kulħadd jaf b' riperkussjoni li nqalgħet. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li qed jitlob li jinxtraw is-CCTV. Kien hemm qbil li jinxtara 3 phase, u fuq dan il-każ qatt ma ttieħdet azzjoni.

59.5 Rapporti

59.5.1 PA 1892/17 (ex mc Donalds )
Laqgħa fl-20 ta' Ġunju 2018 - demolition of beach lido and building of new beach lido.
Il-Kunsillier Daniel Grima ssuġġerixxa li l-Perit tal-Kunsill Etienne Magri għandu jattendi għal-laqgħa tal-20 ta' Ġunju fuq dan il-lido. Il-Kunsillier Alfred Grima saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx fuq l-oġġezzjoni ta' tibdil.

59.5.2 Rapport tal-Bord tal-Infrastruttura: ma nltaqgħax, allura m'hemmx rapport - Il-Kunsillier Daniel Grima ssuġġerixxa li jiltaqa' l-bord u joħorġu rapport fuq il-McDonald's.

59.5.3 Rapport tal-Klejms: Wara li ntwerew ir-Rapporti, biex ma jinħoloqx preċedent, il-fatt li ma sarx xi ħaġa simili tista titfa l-Kunsill f'rokna u jkun hemm l-istess każ li jinftiehem darba fil-pożittiv u darb' oħra fin-negattiv. Skond ir-rapport tal-bord, iridu jiġu mħallsin lura. Il-Kunsillier Daniel Grima

qal li hemm rapporti li lanqas fihom rapport tal-Pulizija. Ir-rapporti ser jerġgħu jiġu preżentati quddiem il-bord.

**59.5.4**: Evalwazzjoni tat-Tender aġudikati: Il-Bord t'Evalwazzjoni li jieħdu ħsieb it-Tenders huma kollha approvati mill-Kunsilliera. Kellhom jiġu mogħtija l-M**4.3** – tat-Toroq u tal-Avukat

**59.5.5**: Laqgħa Annwali: Il-Kunsillier Daniel Grima qal li min kien preżenti jaf x'ġara. Il-Kunsillier Paul Bugeja qall li ma kienx hemm attendenza tajba, ir-rapport irrid isir ħafna aħjar. Irridu nwasslu messaġġ biex jattendu aktar nies.

**59.5.6**: MTA Agreement: Kiteb fi 2016, Alfred oġġezzjona ghax l-agreement hu one sided biss , meta taqrah tahseb li huma qed jikru lill-kunsill u mhux vice versa. Il kunsill irrid jibbenifika mill mta , u mhux l mta mill kunsill, Alfred qal li dan l ufficcju mhuwiex jintuza u xorta wahda l kunsill qed ihallas l ispejjes tiegħu. Alfred ul Avukat se jiltaqghu u jergghu jaraw l agreement flimkien. U l-ftehim irrid isir bil malti biss u wara jerggha jitla fil kunsill.

59.5.7 Lift Agreement: Alfred Qall li diga gie deciz , kienu qed ihallsu 76 ewro fi xahar u se jinxtara il GSM u se jispiccaw is 76 Ewro fix xahar. Suppost li kien hemm Ftehim ta manutenzjoni

59.5.8: Open Gym Agreement: Ma kien hemm xejn x jintwera

<u>59.6 Items ohra ta xoghol iehor tal Kunsill lokali li jkunu mehtiega:</u>

59.6.1 Decizjoni ohra ta Xoghol ta tenders kemm ghat-tfassil kif ukoll ghall Evalwazzjoni: Ma ttellawx dokumenti biex titla fil laqgha li jmiss

59.6.2 Decizjoni dwar informazzjoni lil pubbliku dwar il-hinijiet ta gbir ta skart: Jitqassmu kalendarji bil hinijiet ghax ma jintremhiex mhux bhall karta komuni. Daniel qall li kien hemm kuntrattur li rrid jaghti sponsorship ghall kalendarji. Tinkiteb bil Malti , Ingliz, Gharbi , Taljan u Spanjol. Titwahhal f kull hall way jew tinghata go kull residenza

59.6.3 Decizjoni dwar moniteraġġ madwar il-lokalita fuq il llegalitajiet: Laqgha li jmiss

59.6.4: Wardija Fest – Kienet ġiet approvata u ntbagħtet No Objection. Jagħmilha l-Kunsill , u l-persuna responsabbli tagħha, tinġabar aktar informazzjoni minħabba li ma nġabarx biżejjed. Terġa titella fil-laqgħa li jmiss

59.6.5: Karnival - Terga Tittella fil-laqgħa li jmiss minħabba li ma kienx hemm bizejjed informazzjoni, Ntqall li dan il bord ltaqa darbtejn u f darba minnhom anqas is sindku m attendietx. Il maggur attenda u ried jitlaq wara ghaxar minuti . M Attendewx ta Transport Malta. Din l attivita se ssir fi 17 u 18 Awwissu. 16 t Awwissu se jinkrew il barriers u jkun hemm pulizijia ghassa mal karrijiet. Paul qallu li Triq il Qawra ma riedux li tinghalaq u l karrijiet jizbokaw minn Triq il Pijunieri. Il Maggur ma ssabx oggezzjoni pero li jiehdu hsieb il karrijiet oggezzjonaw , oggezzjonaw anke ghall gostra per se ssir , tispicca x hin tispicca. Daniel qal li L kunsill ut Transport Malta jiddeciedu.

59.6.6: Decizjoni dwar armar ta'Luna Parks/Bumping Cars fil lokalita', Daniel qall li diga raha karozzi pparkjati tal bumping cars, kull sena jintramaw hdejn l iskola, hdejn il bocci klabb, il kuntrattur ma qabilx mal ftehim li sar mieghu, biex ittejjeb il kwalita u jnaddaf wara li jaghlaq. Daniel qall li dan suppost idum 120 gurnata u gieli dam aktar. Alfred Grima Id decizjoni tal permess kienet ghall din is sena u sitt xhur li gejjin, ghalhekk Alfred qall li l area li soltu juza ghandha tintuza ghall parkegg. Kien hemm qbiel unanimu.

59.6.7: Decizjoni dwar il-Vetturi tal-Kunsill (il-Vann pick up u Vann Truck isfar ) ---- Approvati biex jinxtraw u tinhareg tender ghax xiri ta tipper , vann pick up u vann truck. Paul qal li ma jaqbel qatt li l haddiema tal kunsill jintbghatu barra biex jigbru l iskart. U jekk il haddiema ma jintbghatux jigbru l iskart m hemmx bzonn li jinxtara Tipper. Paul ssuggerixxa li ghandu jinxtara Vann li jigbor il haddiema u Estate City Car jew Space cab jew Crew Cab

<u>Tenders/Quotations –</u> Titella fil laqgha li jmiss

59.6.8 Tender Għal Tipper Van kif intqall f paragrafu 59.6.7

59.6.9 Tender għal karozza Għall uzu tal-Kunsill kif intqall f paragrafu 59.6.7

59.6.10 Tender għal Hames Laptops approvati biex tohrog tender , wiehed mill laptops nxtara ghas segretarja ezekuttiva, minhabba li Elke riedet izomm il-laptop. Pawlu Qall li quotation għandna bzonn u mhux Tender.  U jinġabru tlett kwotazzjonijiet.

59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- iskeda ta'pagamenti

59.7.1 Skeda tal-pagamenti – Titella fil-aqgha li jmiss

Il-laqgha ntemmet Fis-Sebgha w nofs
Il kunsill aġġorna għal-nhar it -tnejn  18 ta Ġunju 2018

DRAFT

| | |
|---|---|
| <IFFIRMATA> | <IFFIRMATA> |
| ______________________ | ______________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |